# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 5 ta’ Marzu 2001

Rikors numru 192/01 AJM

Kawza numru

Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 132/01 DS fl-ismijiet:-
Terranet Limited

Vs

Linknet Limited, Charles Aquilina, Identity card numru 664058(M), Irene mart l-istess Charles Aquilina, identity card numru 482361(M), Lawrence Aquilina, identity card numru 452461(M) u Joyce, mart l-istess Lawrence Aquilina, identity card numru 517759(M).

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta'Linknet Ltd et presentat fis-6 ta' Frar 2001 li permezz tieghu talbet is-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 132/01 DS u dana pendenti l-ezitu tal-kawza bin-numru 213/00 AJM fl-ismijiet premessi inversi.

Rat ir-risposta oppositorja tas-socjeta' intimata presentata fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Frar 2001 meta l-partijiet qablu li dan ir-rikors jimxi mar-rikors numru 213/00 bejn l-istess partijiet.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

Dan ir-rikors ghandu l-istess retro xena bhal rikors numru 213/00 li gie degretat illum stess u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni ssir referenza ghal fatti hemm imsemmija. Ma dawk il-fatti ghandu jizdied pero' li dan ir-rikors jikkoncerna mandat ta' sekwestru ezekuttiv iehor presentat mis-socjeta' kreditrici Terranet wara li b'digriet tas-17 ta' Marzu 2000 din il-Qorti kienet ordnat is-sospensjoni tal-effetti ta' mandat iehor presentat precedentement. B'dan il-mandat s-socjeta' kreditrici qeghdha tenforza d-drittijiet taghha naxxenti minn kuntratt ghalkemm dan qed jigi kontestat quddiem din il-Qorti, li kienet ghalhekk akkordat s-sospensjoni.

Dan l-agir tas-socjeta' intimata huwa fil-fehma ta' din il-Qorti abbuz serju tal-process gudizzjarju billi gew presentati zewg mandati fuq l-istess

kreditu meta l-effetti ta' l-ewwel wiehed, tajjeb jew hazin, gew sospizi mill-Qorti pendenti proceduri legali.

Dan premess din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' intimata fis-sens li t-talba tas-socjeta' debitrici hija insostenibbli u dana billi mhux koncepibbli li jkun hemm sospensjoni tal-effetti ta' mandat ta' sekwestru stante li, kif jipprovdi l-artikolu 377 tal-Kap 12, l-esekuzzjoni ta' tali mandat *"ssir billi tinghata kopja, bil-mezz tal-marixxall, lis-sekwestratarju."* Issa jidher mill-atti tar-rikors li din l-esekuzzjoni giet effettwata meta l-istess mandat gie servut f'idejn is-socjeta' sekwestratarja u ghalhekk, immedjatament ma dik in-notifika, dik l-istess socjeta' sekwestratarja kienet obbligata zzomm f'idejha dawk il-flus jew effetti ohra tad-debitur. Ghalhekk salv dak li jipprovdi l-artikolu 378 tal-Kap 12, il-mandat huwa esegwit.

Din il-Qorti tosserva ukoll li l-procedura adottata mis-socjeta' debitrici sekwestrata mhux kontemplata fil-ligi. Il-Kodici ta' Procedura fl-artikolu 283(A) jikkonsidra biss talbiet ghar-revoka, in toto jew in parti, ta' atti esekuttivi u mhux is-sospensjoni tal-effetti taghhom. L-unika kaz ta' sospensjoni ta' wiehed mill-mezzi provduti ghall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv skond l-artikolu 273 tal-Kap 12, huwa dak imsemmi fl-artikolu 326 tal-istess Kap 12 li jitkellem dwar waqfien ta' irkant jew liberazzjoni, izda ukoll hawn dan jista' jsir biss bil-kunsens tal-kreditur. B'dana kollu jigi rilevat li s-socjeta' debitrici ghandha rimedji ohra permessi mill-ligi biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha li jistghu jirrizultaw bid-determinazzjoni tal-proceduri istitwiti minnha u dana b'mod li l-istess socjeta' kreditrici tkun ukoll protetta fid-drittijiet naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu maghmul bejn il-kontendenti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Onor Imhallef Albert J.Magri